# Is-Santwarju

# tal - Madonna



# ta ' Milicia

Altavilla Milicia huwa lokal fil-provincja ta' Palermo fi Sqallija, l-Italja li hu boghod madwar 20 kilometru lejn ix-xlokk ta' Palermo.



Fil-lokal hemm imqabbda b'gheruq profondi devozzjoni marjana, fejn in-nies tal-pajjiz jirrikorru lejn Ommna Marija Ssma fis-Santwarju taghha maghruf bhala is-Santwarju tal-*Madonna ta' Milicia*. Il-bini ta' dan is-Santwarju huwa fil-forma ta' salib latin fuq stil tat-tmien seklu. Ta' min jinnota li fih jinsabu opri ta' pregju fosthom l-istatwa ta' San Frangisk minn Paola, xoghol tal-Bagnasco li hu wkoll awtur ta' erba' pitturi: il-Maghmudija ta' Kristu, il-Qawmien ta' Lazzru, is-Sagrificcju ta' Abraham, u l-Ahhar Cena. Interessanti il-Kurcifiss li ghandu stil bizantin li ingab mis-Santwarju tal-Knisja ta' Santa Marija go Campogrosso.

Anki jekk id-devozzjoni marjana tmur lura sa 300 sena ilu, il-knisja giet elevata ghal santwarju mill-Kardinal Salvatore De Giorgi, Arcisqof ta' Palermo fil 31 ta' Mejju 2004.



L-oggett l-aktar ghaziz u prezzjuz ghan-nies tal-lokal huwa l-kwadru tal-Madonna ta' 14 il-seklu, probabilment ta' l-iskola ta' Giotto. Huwa pittura fuq l-injam li rega' ha l-hajja wara restawr li ra it-tmiem tieghu fl-30 ta' April, 1990. Fi zminijiet li jmorru lura, il-kwadru ghaddha minn interventi ta' restawr li zgur ma hallewhx dak li kien originali; infatti f'wiehed minn dawn ir-restawri figura bejn San Frangisk u l-Madonna giet mghottija ghal kollox. Ghal bidu ta' nofs 1800, il-Madonna giet imlibbsa ghata tal-fidda li ghamlitha tixbah lill-Madonna ta' Loretu. Ta' l-istess epoka huma l-idejn, ir-raggiera, il-kuruna u c-cinglu ta' San Frangisk. Izda r-restawr tas-snin 1990 gab il-kwadru fl-istat originali tieghu.



IL-KWADRU RESTAWRAT

Il-pittura tirrafigura lill- Madonna nkurunata, bil-qieghda fuq tron bil-Bambin Gesu' bil-wieqfa fuq irkubtejha jzomm gewwa idejh pakkett. San Frangisk jidher b'idejh tindika devot gharkubtejh jitlob. Il-kwadru ghandu qisien ta 76.6 centimetri b'101.5 centimetri.

Hemm diversi ipotesi dwar il-prezenza tal-kwadru fis-santwarju fosthom l-aktar kredibbli, li kien Francesco Maria Beccadelli, markiz ta' Bologna li gab hemmhekk il-kwadru taz-zewg qaddisin, Marija u Frangisku. Imma popolari hija dik tal-pirati. Tradizzjoni orali miktuba fis-sena 1953 mill-arcipriet Gagliano Melchiorre tghid hekk: Jum wiehed lejn is-sena 1600 l-abitanti ta' Milicia raw bicca tal-bahar trid tiehu d-direzzjoni lejn Palermo izda xi haga misterjuza waqqfet ix-xambekk quddiem Capo Zafferano u ma haalitux jmur aktar 'l quddiem. Xi uhud mill-bahrin raw li l-kawza ta' dan kien il-kwadru li huma serqu waqt hbit u li nqdew bih biex jghattu bettija. Dahhlu x-xambekk gewwa l-bajja u ghajtu l-ghajnuna. Meta n-nies ta' Milicia waslu qrib, il-pirati offrewlhom l-immagini flok irmewh fil-bahar.

Test iehor jghid li l-pirati wara li ddesagraw l-immagini, irmewha l-bahar u dan wasal ghand in-nies ta' Milicia bil-kurrent ta' l-ilma.. In-nies gabruh bid-devozzjoni u b'ferh kbir ghabbewh fuq karru migbud minn zewg barrin li wahedhom wassluh sal-rahal. Jidher li l-pirati zebilhu l-kwadru billi tawh bix-xabla jew ximitarra. Din l-ipotesi tinsab miktuba f'xi dokumenti storici.

Minn dokument li jgib id-data tal-15 ta' Lulju 1636 wiehed jinnota li xambekk tal-pirati tal-bahar billi ma rnexxilux javvanza lejn Palermo, dahal fuq il-kosta ta' Milicia habat ghat-territorju u zeblah l-immagini hemm imharsa. Hekk kif waslet l-ahbar ta' l-isbark tal-pirati l-palermitani, billi bezghu li issa l-pirati javvanzaw lejhom mill-art, hassru xi festi li kienu qeghdin jiccelebraw ghal unur ta' Santa Rosalia u marru jaghtu l-ghajnuna lin-nies ta' Milicia u keccew lit-torok. U hekk tnisslet id-devozzjoni fost il-palermitani lejn il-Madonna ta' Milicia. U bhala turija ta' din id-devozzjoni hafna palermitani jitilghu lejn Milicia biex jerfghu l-kwadru tal-Madonna u hekk kif ikun diehel lura fil-knisja jdawru x-xbiha lejn il-belt ta' Palermo bhala sinjal ta' protezzjoni.

# Il-festa

Il-festa tibda fl-ahhar ta' Awissu bit-tradizzjonali novena tal-Madonna li tintemm fis-7 ta' settembru biex l-ghada 8 ta' Settembru ikun iccelebrat il-jum liturgiku tal-festa tal-Madonna ta' Milicia.

Matul l-ewwel jiem ta' Settembru wiehed jista' jassisti ghal immuntar tal-karru triumfali li jintuza ghall-purcissjonijiet tas-7 u 8 ta' Settembru filghaxija

Il-festa solenni tibda fis-6 ta' Settembru b'pellegrinagg fil-5 ta' filghodu li jitlaq mill-istazzjon tal-ferrovija sac-centru ta' Milicia xi kilometru u nofs 'l boghod. Hafna huma

dawk li  jmorru jitlobu u jirringrazzjaw lil Marija Ssma ghal grazzji li jkollhom bzonn jew li jkunu rcevew.

Ma ghandniex xi nghidu t-triq principali via Loreto tkun mimlija bejjiegha ta’ diversi helu, u frott niexef li jhajru lil kull min jitfa’ ghajnejh fuq il-prodotti esposti fuq it-tilari.



Fis-7.30 ta’ filghaxija in-nies tassisti ghat-tluq tal-karru trionfali mill-belvedere ta’ Milicia. Il-karru trionfali hija xi haga li ssahhrek. Il-bazi tieghu hija forma ta’ dghajsa b’torri gholi hafna li fil-quccata tieghu titqieghed kopja zghira tal-kwadru tal-Madonna. Ikunu l-gwardji tat-tifi tan-nar li jaghmlu dan  permezz tas-slielen twal taghhom. Marbut ma’ zewg barrin il-karru jitla’ via Loreto u jasal sa l-aktar parti gholja tal-pajjiz. Wara fuq il-belvedere jinghata bidu ghall-kuncert ta’ kant. Matul il-lejl ta’ bejn is-7 u 8 ta’ Settembru jkomplu jaslu aktar pellegrini. Fil-jum tal-festa fis-Santwarju jigu celebrati diversi quddies segwit mit-tradizzjonali tislijiet tal-kwadru. It-tislija lill-kwadru issir mid-devoti ta’ Marija li jhossuha haga obbligatorja li jaghmlu dan billi jitilghu tarag li jwassal lejn ix-xbiha  u hemm isiru xi talbiet jew ibusu l-kwadru.

Ghall-habta ta’ nofs in-nhar issir purcissjoni msejha  “tar-rigali”.  F’din il-purcissjoni tingarr xema mixghula li maghha jitwahhlu oggetti bhalma huma idejn, saqajn ; hafna ohrajn jdendlu oggetti tal-fidda bhal stillel, qlub, angli, etc.



Il-qofol tal-festa jibda fil-hamsa u nofs ta’ wara nofsinhar.  Wara l-wasla tal-fratellanzi ta’ Marija Sssma ta’ Loretu, u l-konfraternita’ ta’ San Giuseppe di Castledaccia, ta’ Santa Fortuna Vergni u Martri ta’ Baucina u tal-Madonna tal-Dawl ta’ Porticello, il-poplu jassisti ghal inzul tal-kwadru li jinqala’ minn postu fejn ikun ilu sena sponut u jghaddi minn id ghal ohra tal-membri tal-fratellanzi sabiex wara li jaqsam il-kursija tal-knisja jitqieghed fuq bradella halli tibda l-purcissjoni.

Fis-sitta preciz tibda hierga il-purcissjoni u hekk kif tidher l-immagni tal-Madonna fil-bieb tas-Santwarju jinharaq xi nar, jkunu sparati l-kanuni u iddoqq il-banda.  Hadd mill-poplu ma jaqla' harstu minn fuq il-Madonna li lilha jitlob dak il-hin b'tant herqa u entuzjamu. Meta tasal fit-triq principali via Loretu, issir it-titjira ta' l-angli u diskors mill-kardinal ta' Palermo mill-gallarija tal-Municipju.




X'inhija t-titjira ta' l-angli?  Hija tradizzjoni unika, li maghha qatt ma ltqajt fil-festi esterni li jsiru fil-parrocci esteri Zewgt ibniet imfarfrin jilbsu ta' angli u jigu sospizi fl-arja permezz ta' habel stirat bejn iz-zewg nahat tat-triq. Hekk kif jasal il-kwadru dawn ikantaw xi innijiet marjani. Dan jigri f'diversi waqfiet importanti tal-purcissjoni. Wara dan il-purcissjoni bil-kwadru ta' Marija Ssma tkompli miexja fit-toroq tal-pajjiz imdawra bid-devoti nisa u rgiel libsin bl-ahmar bhal libsa tal-Madonna u li lkoll jaghtu palata biex tingarr ix-xbiha. Il-purcissjoni tidhol lura ghal 22.30p.m.



U bhalma l-kwadru nizel minn postu billi ghadda minn id ghal id hekk jerga' isib ruhu f'loku bl-istess mod fost l-applaws u l-kommozzjoni tal-fidili.

F'nofs il-lejl il-karru triumfali jerga' lura n-nizla lejn il-belvedere u spettaklu tan-nar jaghlaq il-celebrazzjonijiet tal-Madonna ta' Milicia.

**IL-BELDEVERE TA' MILICIA**

# MUMENTI MPORTANTI FIL-FESTA.

## L-ANGOLETTI SOSPIZI FL-ARJA JKANTAW INNIJIET MARJANI



## IL-BEWS TAL-KWADRU MILL-FIDILI



## IL-KARRU TRIUMFALI MIGBUD FI TRIQ LORETO



**WIEHED MILL-GWARDI TAT-TIFI TAN-NAR JQEIGHED IL-KWADRU FUQ IL-QUCCATA TAT-TORRI.**



## IL-KARRU MIGBUD MILL-BARRIN

